MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 407/2010

Appell Numru: 407/2010

Il-Pulizija
Vs
Antoine sive David Monsigneur

Illum 17 t'Ottubru, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 49071 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'San Pawl il-Bahar, limiti ta' Bugibba, nhar is-sitta ta' Frar 2004, ghall-habta tas-sebgha w kwart (7.15p.m.) ta' filghaxija, bil-hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta' Angela Borg f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi ta daqqiet ta' strument li jaqta' w bil-ponta f'partijiet vitali ta' gisimha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Angela Borg, bi strument li jaqta’ jew iniggez, skond ma ccertifikat Dr. Greta Mifsud M.D. tal-iSptar San Luqa; Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna, u cioe’ tentattiv ta’ omicidju volontarju ta’ Angela Borg, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Talli nhar is-sitta ta’ Frar 2004, f’dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe’ sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Ukoll talli nhar is-sebgha ta’ Frar 2004, ghal habta tas-siegha neqsin kwart (12.45pm) ta’ wara nofsinhar, f’dawn il-Gzejjer fi proceduri civili jew kriminali, ikkorrompa xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jaghti xhieda falza, jew jaghmel perizja falza jew jaghti taghrif falz;

Kif ukoll talli nhar is-sebgha ta’ Frar, 2004 ghall-habta tas-siegha neqsin kwart (12.45pm) ta’ wara nofsinhar, f’dawn il-Gzejjer, uza xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tattelekomunikazzjonijiet jew taghmir , jew ghamel uzu minnu mhux sew;

Ukoll talli nhar it-tmienja ta’ Frar 2004, ghal habta tal-hdax u nofs ta’ filghodu (11.30a.m.) f’dawn il-Gzejjer, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija bhala persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAO 647 b'manjiera traskurata w perikoluza;

Kif ukoll fl-istess data, u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, naqas li jieqaf fuq is-sinjali tad-dawl, meta dawn kienu juru kulur ahmar;

Kif ukoll fl-istess data, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' diversi membri tal-korp tal-pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fixxejn jew hassar dak li kienu ghamlu skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun;

Kif ukoll talli nhar is-sitta ta' Frar 2004, kif ukoll fit-tmienja ta' Frar 2004 f'dawn il-Gzejjer, saq il-vettura bin-numru ta' regisrazzjoni KAO 647 minghajr ma kellu l-licenzja tat-triq rinnovata ghas-sena kurrenti u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' dwar riskji ghal terzi persuni;

U fl-ahharnett talli nhar is-sitta ta' Frar 2004, is-sebgha ta' Frar 2004 u t-tmienja ta' Frar 2004, f'dan il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tal-imputat, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan tieghu, ghal dak il-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru, 2010 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-7 ta' April 2010 u cioe' l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 96(a), 102 (c), 211 (1) (2), 214, 218 (1) (a) (b), 221 (1) (2), 339 (ee), 382(A), 383, 384 , 386, 412C, tal-Kap. 9 tal-

Ligijiet ta' Malta, l- Artikoli 15 (1) a (2) (3) tal-Kap. 65 tal-Ligjiet ta' Malta, u l-Artikoli 13 u 26 (a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha w tikkundannatu ghal prigunerija ta' erba' snin u tlett xhur u naturalment iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnesssjoni ma' din il-kawza ghandu jitnaqqas minn din is-sentenza.

Oltre dan skwalifikat lill-imputat milli izomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' sentejn peress li huwa recidiv anke fuq din il-kwistjoni b'sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Mejju 2005, u dan ai termini tal-Artikolu 30 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ordnat lill-imputat ukoll ihallas l-ispejjez inkorsi mal-inkjesta u cioe' l-ammont ta' mija w tlettax-il Lira (Lm113) bhala spejjez relatati mar-relazzjoni tas-Scene of the Crime Officers PS239 J. Caruana u PS1253 F. Brincat, erbgha w disghin Lira u disgha w ghoxrin centezmu (Lm94.29) bhala drittijiet u spejjez dovuti lill-Perit Tekniku AIC Richard Aquilina, disghin Lira u hamsin centezmu (Lm90.50) ghar-relazzjoni tal-Brigadier Maurice Calleja, mija w sittax-il Lira u hamsin centezmu (Lm116.50) spejjez inkorsi ghar-relazzjoni ta' Robert Cardona mil-Laboratorju tax-Xjenza Forensika, l-ispejjez tal-Perit Legali Dr. Anthony Cutajar li jammontaw ghal sitta w sebghin Lira u sebghin centezmu (Lm76.70), sitta w ghoxrin Lira (Lm26) bhala spejjez tar-relazzjoni tas-Scene of the Crime Officer PC1525 P. Farrugia, erbatax-il Lira u sebghin centezmu (Lm14.70) rigward ir-relazzjoni tal-espert fil-Medicina Legali Dr. Mario Scerri, hames Liri (Lm5) bhala spejjez tar-relazzjoni ta' PS365 S. Azzopardi tas-SOCO u ghaxar Liri (Lm10) tar-relazzjoni ta' PC1261 ukoll tas-SOCO, b'kollox flammont ta' hames mija u sitta w erbghin Lira u disgha w sittin centezmu ekwivalenti ghal elf mitejn u tlieta w sebghin Ewro u hamsa w erbghin centezmu (€1273.45) u dan fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat.

Ordnat li kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jingabru dawn il-hlasijiet.

Ordnat wkoll lill-imputat sabiex taht penali ta’ elf Euro (€1000) li ma jkellimx, ma jimmolestax u ma jingurjax lil Angela Borg ghal perijodu ta’ sena millum ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta .

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 ta’ Ottubru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti:

a. Tannulla s-sentenza moghtija minn l-ewwel Onorabbli Qorti u dan in vista tal-fatt li l-istess Qorti agixxiet bi ksur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u dan billi naqset milli ssemmi d-dispozizzjoni tal-artikolu 41(1)(b) li fiha nnifisha wasslet ukoll ghal nuqqas ta’ kompetenza ta’ din l-istess Qorti, u wara li taghmel hekk, din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex din tipprocedi skond il-ligi; jew

b. Fl-eventwalita li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell thoss li n-nuqqs kif hawn fuq imsemmi huwa semplici rizultat ta’ lapsus calami mill-Ewwel Qorti u li kwindi ma ghandux iwassal ghan-nullita tas-sentenza, tirriforma s-sentenza moghtija billi tikkonfermaha fejun sabet lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kollha kif migjuba kontrih ai termini tal-artikoli kollha tal-Avukat Generali, bil-korrezzjoni ta’ zieda tal-artikolu 41(1)(b) fir-rigward tal-artikolu 211(1)(2) kif debitament ikkwotat fl-artikoli tal-Avukat Generali.

c. Tikkonferma dik il-parti tal-piena koncernanti l-iskwalifika tal-imputat milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ sentejn u tal-hlas ta’ spejjez inkorsi matul l-inkjesta ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 kif ukoll l-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 fil-konfront ta’ Angela Borg u dan taht penali ta’ €1000 fin-nuqqas ta’ tharis.

d. Filwaqt li tirrevokaha u thassarha f’dik il-parti tal-piena partikolarment dik il-parti fejn ikkundannat lill-imputat ghall-piena ta’ erba` snin u tlett xhur prigunerija u minflok wara li ssib htija fuq l-akkuzi kollha ai termini tal-artikoli kollha kif ikkwotati mill-Avukat Generali fir-rinviju a gudizzju minnu mibghut u datat is-7 ta’ April, 2010, tinfliggi

piena karcerarja aktar adegwata fic-cirkostanzi u aktar vicin tal-massimu kontra l-appellant skond il-ligi, ghar-reati kollha imputati lilu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali aggixxiet bi ksur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jwassal ghan-nullita tas-sentenza erogata. Di piu ghamlet, enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u konsegwentement din il-misinterpretazzjoni affetwat il-kwantum tal-piena erogata li minhabba x-xorti jew in-natura taghha, ma kinitx idoneja ghal-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni.

Illi fis- 7 ta’ April, 2010, l-Avukat Generali baghat iur-rinviju a gudizzju fejn preliminarjament gie indikat li l-akkuzat, fost l-artikoli l-ohrajn li gew ikkwotati, seta` jinstab hati tad-dispozizzjoni 41(1)(B), 211(1)(2) u cioe` ta’ tentattiv t’omicidju fejn pero` l-akkuzat ikun volontarjament iddezista milli jikkonsma d-delitt u b’hekk bic-cirkostanza li jehel bhala piena ghal dawk ir-reati li hu jkun lahaq ikkonsma dejjem jekk filfatt jitqiesu bhala reati. B’hekk l-Avukat Generali ikkwota wkoll id-disposizzjonijiet 214 u 218(1)(a)(b) peress li mill-provi u mix-xhieda migbura fil-kors tal-kumpilazzjoni l-feriti li kienu gew ikkagunati fuq il-persuna ta’ Angela Borg, minhabba l-fatt li kienu kompattibli ma sfregju kkawzat minn daqqa ta’ strument li jaqta u bil-ponta skond ezami mediku li sar fit-13 ta’ Gunju, tas-sena 2009 kienu ghadhom vizibbli minn distanza normali, gew ikklassifikati bhala feriti ta’ natura gravi. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kellha tapplika l-piena ta’ feriti gravi fir-rigward ta’ din l-akkuza partikolari u dan ai termini tad-dicitura tal-artikolu 41(1)(b).

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju jinghad li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati hija nulla. Konsiderando l-ammissjoni tal-akkuzat u invista tal-provi li ngiebu quddiemha l-Qorti sabet lill-appellat hat ital-akkuzi ai termini tal-artikoli kollha kif migjuba mill-Avukat Generali u b'hekk bl-inkluzzjoni tal-artikoli 41(1)(b), 211(1)(2) bil-pieni that l-artikoli 214 u 218(1)(a)(b). Madankollu meta wiehed jara l-parti akkuzatorja tas-sentenza a folio 15 tas-sentenza in kwistjoni jirrizulta li l-Qorti ma kkwotatx l-artikolu 41(1)(b) li jitratta t-tentattiv bic-cirkostanza tad-dezistenza volontarja ta' l-akkuzat, u kkwotat biss l-artikolu 211(1)(2) li jikkoncerna l-omicidju volontarju u l-artikoli 214 u 218 li jirrigwardaw il-feriti ta' natura gravi bic-cirkostanzi msemmija taht is-subparagrafi (a) u (b) tal-artikolu 218. Di piu skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali:

Il-Qorti, meta` taghti sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi bit-talli nuqqas din id-dispozizzjoni ma giex osservat kif suppost u b'hekk tirrizulta n-nullita`. Di piu dan iwassal ukoll ghac-cirkostanza li jekk wiehed kellu jiibbaza is-sentenza in inghatat biss ai termin ta' dawk id-dispozizzjonijiet fil-parti akkuzatorja (b'hekk bl-eskluzzjoni tl-artikolu 41(1)(b)), il-Qorti ma kelliex kompetenza tiddeciedi l-kaz peress li b' hekk l-akkuzat ikun instab hati ta' omicidju volontarju (mhux tentattiv kif mitlub mill-Avukat Generali) u kwindi l-piena ta' dan id-delitt ben jezorbita l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-vesti taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jidrilha li s-sentenza in kwistjoni mijiex nulla ai termini tad-dispozizzjoni tal-ligi kif hawn fuq ikkwotat u ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija minhabba lapsus calami da parti tal-Ewwel Qorti, l-appellant izid li l-ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha carament ghamlet apprezzament zbaljat tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali partikolarment fir-rigward

ta’ dak li jidher fil-paragrafu (a) in kwistjoni u cioe li l-akkuzat jista` jinstab hati ai termini tal- ‘*artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214 U 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta’* (ara folio 644 tal-Process).

Illi b’referenza ghal folio hamsa (5) tas-sentenza moghtija naraw li l-Qorti bidet il-konsiderazzjonijiet taghha b’dan il-mod:

‘Rat li meta l-Avukat Generali baghat l-Artikoli huwa ma akkuzax lill-imputat bir-reat ta’ attenta ta’ omicidju izda b’attentat ta’ ferita gravi, w li ghalhekk din il-Qorti ghandha kompetenza sabiex tisma` u tiddeciedi dan il-kaz.’

Illi f’dan ir-rigward u fl-ewwel lok li ai termini tal-artikoli kif hawn fuq ikkwotati, dak li stqarret l-ewwel Qorti mhuwiex assolutament minnu. L-Avukat General kkwota l-artikolu 41(1)(b) u cioe` tat-tentattiv bic-cirkostanza tad-dezistenza volontarja izda fir-rigward tal-omicidju volontarju ai termini tal-artikolu 211(1)(2) li filfatt gie debitament ikkwotat u mhux fir-rigward tar-reat tal-ferita gravi. L-artikoli 214 u 218(b) u (c) gew ikkwotati minhabba li l-piena erogata ghar-reat ta’ tentattiv ta’ omicidju bid-desistenza volontarja ikun dak tad-delitti li lahqu gew ikkunsmati izda dan ma jfissirx li l-akkuzat mhuwiex hati ta’ tentattiv ta’ omicidju. L-uniku beneficcju li l-akkuzat jiggwadanja f’dan il-kaz huwa minhabba l-fatt li hu ddezista volontarjament u ghaldaqstant il-legislatur irid jippremja lil min minn jdeddu ma jkomplix bil-konsumazzjoni tad-delitt billijkun hemm tnaqqis konsiderevoli fil-piena billi japplikaw il-pieni applikabbli ghar-reati li lahqu gew ikkunsmati minfloik il-piena ta’ omicidju volontarju bi tnaqqis fi grad. Kieku r-reat twaqqf minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta tal-akkuzat (u dan skond l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali) dan il-kaz kien jitla guri indubjament peress li l-Qorti tal-Magistrati ma kienx ikollha kompetenza taqta u tiddeciedi l-kaz.

Illi madanakollu f’dan il-kaz, mill-provi rrizultat l-ewwel sitwazzjoni hawn fuq imsemmija (dezistenza volontarja) ai termini tal-artikolu 41(1)(b). B’hekk, jekk wiehed jaghmel referenza ghax-xhieda tat-tabib Andrew Borg a folio 634

tal-process jirrizulta li meta hu ezamina lill-Angela Borg fit-13 ta' Gunju, 2009 hu kkonstata li l-feriti li kienet lahqet soffriet fis-6 ta' Frar, 2004 kienu ghadhom vizibbli u b'hekk jikkostitwixxu sfreggju fuq il-persuna taghha u li ghaldaqstant, kif wara kollox gie ddikjarat mill-istess xhud fix-xhieda tieghu u fir-rapport debitament ezebit minnu, dawn huma feriti ta' natura gravi punibbli ai termini tal-artikolu 218 u mhux bhala reat attentat izda bhala reat ikkunsmat.

Illi kwindi l-Qorti tal-Mgistrati xorta wahda kienet kompetenti taqta l-kaz peress li l-ebda reat minn dawk li lahqu gew kommessi ma kellu piena li kienet tezorbita l-ghaxar sknin prigunerija. Kwindi l-kompetenza tal-Qorti mijiex marbuta mal-fatt li skond kif iddikjarat hi, l-Avukat Generali qed jakkuza b'attentat ta' ferita gravi (li assolutament mhuwiex il-kaz) izda peress li l-piena kif moghtija ma tezorbitax il-kompetenza taghha. Madankollu l-ewwel Qorit kienet zbaljata fl-interpretazzjoni legali tal-artikoli kkwotati meta stqarret li m'hemmx htija fit-tentattiv ta' omicidju.

Illi fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-succipit, minhabba din l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti li rrizultat bhala kemxejn aktar leggera mic-cirkostanzi tal-kaz kif migjuba u dan bi qbil ukoll mal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali, l-piena erogata fil-konfornt tal-akkuzat, allavolja fil-parametri tal-ligi hija ferma aktar vicin il-minimu milli l-massimu preskritt. B'kull dovut rispett lejn il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti ma kienx hemm dubbju li l-akkuzat kien jimmerita piena aktar harxa fic-cirkostanzi u li kellha xxaqleb iktar vicin il-massimu.

Illi huwa minnu wkoll li l-ewwel Qorti stess qieset il-gravita tal-kaz u tal-karattru refrattarju tal-akkuzat meta ghamlet il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza taghha u dan l-ezercizzju sar principalment biex tistabilixxi jekk l-ammissjoni li ghamle l-akkuzat nhar is-17 ta' Awissu, 2010 kellux jinkombi fuq il-piena erogata finalment,. Skond l-ewwel Qorti din l-ammissjoni, b'referenza ghal diversi sentenzi ma kelliex tigi kkunsiderata minhabba d-diversi fatturi msemmija u li l-appellant jaqbel maghhom

interament. Madankollu l-appellant ihoss li l-piena moghtija xorta wahda ma kinitx sufficjenti anki n konsiderazzjoni tal-fatt li l-akkuzat ghamel perjodu twil taht arrest preventive qabel l-ghoti tas-sentenza li awtomatikament u legalment jitnaqqsu mill-piena moghtija minn l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat,

Dana huwa appell tal-Avukat Generali illi qed jeccepixxi n-nullità tas-sentenza peress illi l-Qorti tal-Magistrati ma kkwotatx l-artikolu 41(1)(b) tal-Kap 9 fl-elenku tal-artikoli qabel ma kkundannat lill-appellat. U t-tieni peress illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-artikolu tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali peress illi meta l-Avukat Generali kkwota l-artikolu  41(1)(b) u cioé t-tantattiv bic-cirkostanza tad-dezistenza volontarja fir-rigward tal-omicidji volontarji ai termini tal-artikolu 221(1)(2),  u mhux fir-rigward tar-reat tal-ferita gravi kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi huwa l-ewwel aggravju din il-Qorti ma jidhrilhiex illi n-nuqqas imsemmi mill-Avukat Generali ghandu jwassal ghall-estremi tan-nullità tas-sentenza. Din il-Qorti jidhrilha illi n-nuqqas tal-ewwel Qorti kien biss lapsus u m'ghandux ikollu l-ebda konsegwenzi. Fil-fatt meta l-Qorti tara s-sentenza a fol 15 l-ewwel Qorti tibda billi tghid "Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-sebgha (7) ta' April elfejn u ghaxra (2010) u cioé ..." il-Qorti hawnhekk qed tirreferi ghall-artikoli kollha mibghuta mill-Avukat Generali, inkluz kwindi, l-artikolu 41(1)(b). Il-fatt illi dan l-ahhar artikolu ma giex inkluz fl-elenku li kkwotat l-ewwel Qorti ma jfissirx illi ma ratux u ma tatux il-piz misthoqq. L-Avukat Generali mhuwiex qieghed jilmenta mill-artikli l-ohra gustament ikkwotati u dana u huwa bizzejjed biex jissodisfa l-kwezit tal-artikolu 382 tal-Kap 9.

Ghalhekk il-Qorti tichad dan l-ewwel aggravju u tghaddi biex tikkonsidra t-tieni aggravju tal-Avukat Generali, fejn

din il-Qorti thoss illi hawnhekk l-Avukat Generali teknikament ghandu ragun.

Minn ezami akkurat tal-att ta’ rinviju tal-Avukat Generali tas-sebgha (7) ta’ April elfejn u ghaxra (2010) issib illi l-Avukat Generali kkwota l-artikolu 41(1)(b) u cioé t-tentattiv bic-cirkostanza tad-dezistenza fil-kuntest tal-omicidju volontarju u mhux fil-kuntest tal-ferita gravi kif donnha fhemet l-ewwel Qorti, u l-pieni applikabbli huma dawk tar-reati li lahqu gew ikkunsmati minflok il-piena ta’ omicidju volontarju,  bi tnaqqis fil-grad, f’liema kaz l-ewwel Qorti xorta kienet se tkun kompetenti biex taqta’ dan il-kaz. Dana il ghaliex l-ebda reat minn dawk li lahqu gew kommessi ma kellu piena li kienet tezorbita l-ghaxar snin prigunerija u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkwotat l-artikoli u stqarret li ma kienx hemm htija fit-tentattiv ta’ omicidju. Il-fatti juru però illi kien hemm dan it-tentattiv bid-dezistenza ai termini tal-artikolu 41(1)(b), u peress illi l-atti illi lahaq ghamel l-appellat jinkwadraw fi shih fl-artikolu 214 u 218(b) u (c), dawn gew debitament ikkwotati mill-Avukat Generali, fejn allura l-parametri tal-piena jkunu bejn disa’ (9) xhur u disa’ (9) snin.

Ikkunsidrat:

It-tielet aggravju tal-Avukat Generali jikkoncerna l-piena, fejn minhabba din l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti l-piena erogata kien daqsxejn leggera fic-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll mehud in konsiderazzjoni l-precedenti tal-appellat, kien jimmerita piena aktar harxa vicin il-massimu milli vicin il-minimu. Fil-fatt jghid, “il-piena erogata fil-konfront tal-akkuzat, avolja fil-parametri tal-ligi, hija ferm aktar vicin il-minimu milli l-massimu preskritt.”

Hawnhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddisturba d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti la l-piena erogata tidhol fil-parametri tal-ligi. Però li zgur li ma hemm xejn x’jindika illi ghandha tkun anqas minn dak illi fil-fatt erogat. L-Avukat Generali qieghed jitlob piena ohra aktar vicin il-massimu. Imma din il-Qorti ma jidhrilhiex illi stante dawn ic-cirkostanzi ghandha tvarja din il-piena.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ in parti l-appell tal-Avukat Generali billi tichad dik il-parti fejn talab in-nullità tas-sentenza, tilqa’ dik il-parti fejn talab il-konferma fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontrih ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali, tordna z-zieda tal-artikolu 41(1)(b) fir-rigward tal-artikoli 211(1)(2) kif ikkwotat fl-att tar-rinviju tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata fejn erogat piena ta’ prigunerija ta’ erba’ snin u tlett xhur, kif ukoll l-iskwalifika milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sentejn u tal-hlas ta’ spejjez inkorsi matul l-inkjesta ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, kif ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 fil-konfront ta’ Angela Borg u dana taht penali ta’ elf ewro (€ 1,000) fin-nuqqas ta’ tharis.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------